



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 7 ta' April 2014
(OR. en, pt)**

**8241/14
ADD 1**

**Fajl Interistituzzjonali:
2011/0359 (COD)**

**CODEC 916
DRS 45**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti speċifiċi dwar l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv (AL + D) = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mil-Latvja

Il-Latvja tappoġġa l-adozzjoni tal-abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti speċifiċi dwar l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku b'mod ġenerali. Il-Latvja taqbel bis-sħiħ mal-għan tar-Regolament propost li jiġi ċċarat ir-rwol tal-awdituri tal-entitajiet ta' interess pubbliku u jiġu introdotti regoli aktar stretti għas-settur tal-awditjar immirat b'mod partikolari lejn it-tisħiħ tal-indipendenza tal-awdituri kif ukoll diversità akbar fis-suq tal-awditjar attwali ferm ikkonċentrat. Madankollu, il-Latvja ssostni t-tħassib tagħha li l-miżura proposta, jiġifieri l-limitu fuq ħlasijiet ta' 70% minn servizzi mhux tal-awditjar, x'aktarx ikollha impatt negattiv fuq l-aċċess ta' entitajiet ta' interess pubbliku iżgħar għal servizzi mhux tal-awditjar u tista' tikkaġuna piżijiet amministrattivi u finanzjarji addizzjonali. Normalment huma kumpanniji elenkati iżgħar li jużaw l-awdituri tagħhom għal proporzjon akbar partikolarment ta' servizzi relatati mal-konformità kemm minħabba n-nuqqas tagħhom ta' kompetenza interna u l-kosteffettività u l-kosteffiċjenza ta' fornitur wieħed huma proporzjonalment akbar.

Dikjarazzjoni mill-Portugall

Il-Portugall jikkunsidra li l-adozzjoni ta' dan il-pakkett leġislattiv tikkostitwixxi progress fir-riforma tas-suq finanzjarju u jisħaq dwar l-indipendenza tal-awdituri, fatturi bil-potenzjal li jibnu mill-ġdid il-fiduċja fis-swieq. Minħabba dan u fi spirtu ta' kompromess, il-Portugall jappoġġa l-eżitu finali ta' dawn in-negozjati.

Madankollu, fir-rigward tas-sorveljanza tal-awtoritajiet tal-awditjar, matul in-negozjati l-Portugall esprima l-preferenza tiegħu li l-kompetenza tal-awditjar tiġi kkonferita fuq l-ESMA, li tassumi r-rwoli preċedentement mwettqin mill-Grupp Ewropew tal-Korpi ta' Sorveljaturi tal-Awdituri (EGAOB), bħal fil-proposta oriġinali tal-Kummissjoni Ewropea.
